# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI MENGOZZI

ippreżentati fit-3 ta' April 2008 [1]

## I — Introduzzjoni

1. Permezz ta' din il-proċedura, li għandha bħala suġġett rikors taħt l-Artikolu 226 KE ppreżentat mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fil-konfront tar-Repubblika Franċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, għal darba oħra, mitluba teżamina fid-dawl tad-dritt Komunitarju s-sistema leġiżlattiva Franċiża dwar il-fekondazzjoni artifiċjali tal-annimali tal-ifrat li hija kkaratterizzata, b'mod partikolari, minn monopolju ta' servizzi mogħti fuq bażi reġjonali lil ċentri awtorizzati fir-rigward tal-attività ta' inseminazzjoni tal-bhejjem nisa ta' din l-ispeċi [2].

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li diġà kellha l-okkażjoni li teżamina din is-sistema fid-dawl tal-Artikolu 37 tat-Trattat KE (li sar, wara emenda, l-Artikolu 31 KE), dwar il-monopolji kummerċjali nazzjonali [3], flimkien mal-Artikoli 86 u 90, paragrafu (1) tat-Trattat KE (li saru l-Artikoli 82 KE u 86 KE, paragrafu (1)), fuq is-suġġett ta' abbuż ta' pożizzjoni dominanti minn impriża li għandha drittijiet esklużivi [4], kif ukoll id-Direttivi 77/504/KEE [5] u 87/328/KEE [6] dwar bhejjem tal-ifrat ta' tgħammir tar-refgħa ta' razza pura [7], issa hija mitluba teżaminaha fid-dawl tal-Artikoli 43 KE u 49 KE, li għandhom x'jaqsmu, rispettivament, mal-libertà tal-istabbiliment u mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi [8]. Fil-fatt il-Kummissjoni qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sa biex tikkonstata li, billi rriżerva l-eżerċizzju tal-attivitajiet marbutin mal-fekondazzjoni artifiċjali tal-annimali tal-ifrat, l-Istat Membru konvenut naqas mill-obbligi imposti fuqu bis-saħħa ta' dawn l-artikoli.

1 — Lingwa oriġinali: it-Taljan.

2 — Niċċara mal-ewwel li, biex noqgħod kemm jista' jkun mat-terminoloġija użata fil-leġiżlazzjoni Franċiża inkwistjoni — li kultant tagħmel distinzjoni bejn "*mise en place*" u "*insémination*" u tagħti lil din l-aħħar kelma tifsira aktar wiesgħa — f'dawn il-konklużjonijiet nuża l-kelma "inseminazzjoni" sa biex nindika t-tqegħid tas-semen estratt mill-annimali tal-ifrat irġiel fl-apparat ġenitali tal-annimali nisa, u l-kelma "fekondazzjoni", li tista' tintuża bħala sinonimu, iżda f'sens usa', sa biex tirreferi b'mod globali għall-kumpless tal-attivitajiet funzjonali involuti fir-riproduzzjoni tal-annimali tal-ifrat magħmula b'mod artifiċjali, inklużi wkoll l-attivitajiet ta' produzzjoni ta' dak il-materjal.

3 — Sentenzi tat-28 ta' Ġunju 1983, Société coopérative d'amélioration de l'élevage et d'insémination artificielle du Béarn (271/81, Ġabra p. 2057), u tas-7 ta' Diċembru 1995, Gervais *et* (C-17/94, Ġabra p. I-4353).

4 — Sentenza tal-5 ta' Ottubru 1994, Centre d'insémination de la Crespelle (C-323/93, Ġabra p. I-5077).

5 — Direttiva tal-Kunsill, tal-25 ta' Lulju 1977, fuq l-annimali tal-ifrat ta' razza pura għat-tnissil (ĠU L 206, p. 8).

6 — Direttiva tal-Kunsill, tat-18 ta' Ġunju 1987, dwar l-aċċettazzjoni għall-iskopijiet ta' tgħammir ta' bhejjem tal-ifrat tar-refgħa ta' razza pura (ĠU L 167, p. 54).

7 — Sentenza Gervais *et*, iċċitata iktar 'il fuq.

8 — Anki fil-kawża għal deċiżjoni preliminari li tat lok għas-sentenza Gervais *et* iċċitata iktar 'il fuq, tressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-imsemmija sistema mar-regoli tat-Trattat KE fuq il-libertà tal-istabbilment u li jiġu pprovduti servizzi (Artikoli 52 u 59 tat-Trattat KE, li saru, wara emenda, l-Artikoli 43 KE u 49 KE). Madankollu l-Qorti tal-Ġustizzja ma tatx deċiżjoni f'dan ir-rigward billi osservat li dawn ir-regoli ma setgħux jiġu applikati f'dak il-każ billi s-sitwazzjonijiet li kienu s-suġġett tal-kawża prinċipali kienu purament interni.

3. Fil-mori tal-kawża, ir-Repubblika Franċiża rriformat is-sistema leġiżlattiva kkontestata mill-Kummissjoni billi neħħiet l-aspetti li kienu l-oġġett tal-ilmenti magħmulin mill-istess istituzzjoni fil-kuntest ta' dan ir-rikors. Madankollu, il-Gvern Franċiż jippreċiża li l-emendi li saru fuq il-livell leġiżlattiv ma kinux maħsubin sa biex is-sistema legali nazzjonali titqiegħed f'konformità mal-obbligi taħt l-Artikoli 43 KE u 49 KE, iżda sempliċiment sa biex hija tiġi adattata għall-eżiġenzi tas-settur, li kienu nbidlu. Skont dan il-Gvern, is-sistema li qabel kienet fis-seħħ ma kellhiex l-elementi ta' inkompatibbiltà mad-dritt Komunitarju li tallega l-Kummissjoni.

4. Din il-kawża hija b'hekk intiża sa biex jiġi kkonstatat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li huwa kkontestat mill-Istat Membru konvenut, u li, f'kull każ, m'għadux jeżisti.

## II — Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

5. Qabel id-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007, u għalhekk fil-mori tal-kawża, tal-liġi tal-5 ta' Jannar 2006, Nru 2006-11, dwar ippjanar agrikolu [9], tad-digriet tal-President tar-Repubblika tas-7 ta' Diċembru 2006, Nru 2006-1548, dwar l-identifikazzjoni, il-kontroll sanitarju tal-attivitajiet ta' riproduzzjoni u t-titjib ġenetiku tal-annimali tat-trobbija [10], u tad-digriet tal-President tar-Repubblika tal-21 ta' Diċembru 2006, Nru 2006-1662, dwar l-identifikazzjoni u t-titjib ġenetiku tal-annimali [11] — dispożizzjonijiet li rriformaw b'mod profond il-leġiżlazzjoni Franċiża dwar il-fekondazzjoni artifiċjali tal-annimali tal-ifrat, u tal-ispeċi tan-nagħaġ, tal-majjali u tal-mogħoż —, fi Franza l-fekondazzjoni artifiċjali tal-annimali tal-ifrat kienet irregolata mil-leġiżlazzjoni li ġejja:

— l-Artikoli L.653-1 sa L.653-10 tal-Kodiċi Rurali, li jikkodifikaw, bis-saħħa tal-liġi tat-8 ta' Lulju 1998, Nru 98-565 [12], id-dispożizzjonijiet korrispondenti li diġà jinsabu fil-liġi tat-28 ta' Diċembru 1966, Nru 66-1005, fuq it-trobbija tal-bhejjem [13], u mħassrin bil-liġi Nru 98-565;

— id-dispożizzjonijiet regolamentari ta' applikazzjoni li jinsabu fl-Artikoli R.*653-102 sa R.*653-114 tal-Kodiċi Rurali, li jikkodifikaw, bis-saħħa tad-digriet tal-Prim Ministru tal-1 ta' Settembru 2003, Nru 2003-851 [14], id-dispożizzjonijiet korrispondenti li diġà jinsabu fid-digriet tal-Prim Ministru, tat-22 ta' Marzu 1969, Nru 69-258, dwar il-fekondazzjoni artifiċjali [15], imħassar bid-digriet Nru 2003-851;

9 — JORF [Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika ta' Franza] tal-5 ta' Jannar 2006, p. 229.

10 — JORF tat-8 ta' Diċembru 2006, p. 18620.

11 — JORF tat-23 ta' Diċembru 2006, p. 19479.

12 — Liġi li tirrigwarda l-parti Leġiżlattiva tal-Ktieb VI (ġdid) tal-Kodiċi Rurali (JORF tad-9 ta' Lulju 1998, p. 10458).

13 — JORF tad-29 ta' Diċembru 1966, p. 11619.

14 — Id-digriet li jirrigwarda l-parti Regolamentari tal-Ktieb VI tal-Kodiċi Rurali u li jemenda l-parti Regolamentari tal-Kotba II u III tal-istess Kodiċi (JORF tas-6 ta' Settembru 2003, p. 15405).

15 — JORF tat-23 ta' Marzu 1969, p. 2948.

— id-digriet tal-Ministru tal-Agrikoltura tas-17 ta' April 1969, dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tħaddim ta' ċentri ta' fekondazzjoni artifiċjali [16], kif emendat bid-digriet tal-Ministru tal-Agrikoltura tat-12 ta' Novembru 1969 [17] u bid-digriet tal-Ministru tal-Agrikoltura u tal-Foresta tal-24 ta' Jannar 1989 [18];

— id-digriet tal-Ministru tal-Agrikoltura u tal-Foresta tal-21 ta' Novembru 1991, dwar it-taħriġ tal-inseminaturi u tal-kapijiet ta' ċentru u dwar l-għoti tal-liċenzji korrispondenti [19], kif emendat mid-digriet tal-Ministru tal-Agrikoltura, tas-Sajd u tal-Ikel tat-30 ta' Mejju 1997 [20];

— id-digriet tal-Ministru tal-Agrikoltura u tas-Sajd tas-27 ta' Diċembru 2000, dwar l-inseminazzjoni tal-annimali tal-ifrat magħmula minn dawk li jrabbu l-annimali [21].

6. Abbażi ta' din il-leġiżlazzjoni, kif jirriżulta mid-deskrizzjoni mogħtija mill-Gvern Franċiż, l-operat ta' ċentri ta' fekondazzjoni artifiċjali tal-annimali tal-ifrat huwa suġġett għal awtorizzazzjoni ministerjali (Artikolu L.653-5 tal-Kodiċi Rurali). Issir distinzjoni bejn iċ-ċentri inkarigati mill-produzzjoni ta' semen u ċ-ċentri li jipprovdu l-inseminazzjoni, iżda ż-żewġ tipi ta' attivitajiet jistgħu jiġu eżerċitati mill-istess ċentru. L-attivitajiet ta' produzzjoni jikkonsistu fiż-żamma ta' riżerva ta' bhejjem irġiel tal-ifrat tar-refgħa, fl-isperimentazzjoni tagħhom, kif ukoll fil-ġbir, l-ipproċessar, il-konservazzjoni u l-bejgħ ta' semen. L-attivitajiet tal-inseminazzjoni jinvolvu l-fekondazzjoni tal-bhejjem nisa b'semen pprovdut miċ-ċentri ta' produzzjoni (Artikolu R.*653-103 tal-Kodiċi Rurali).

7. L-awtorizzazzjoni għall-ftuħ u għall-operat ta' ċentru ta' fekondazzjoni artifiċjali tista' tingħata lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Għall-finijiet tal-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni ma ssir l-ebda distinzjoni bejn ċittadini Franċiżi u ċittadini ta' Stati Membri oħrajn tal-Komunità (Artikolu 1 tad-Digriet tas-17 ta' April 1969, kif emendat).

8. Kull ċentru ta' inseminazzjoni artifiċjali (iktar 'il quddiem "ĊIA") jaqdi żona, stabbilita mid-dispożizzjoni li tawtorizzah, u li fiha huwa biss permess li jintervjeni. Dawk li jrabbu li jinsabu fiż-żona ta' azzjoni ta' ĊIA jistgħu jitolbu, madankollu, li huwa jipprovdilhom semen li ġej miċ-ċentri ta' produzzjoni tal-għażla tagħhom (Artikolu L.653-7 tal-Kodiċi Rurali).

9. Kull operatur ekonomiku differenti minn ĊIA li jimporta semen minn Stat Membru ieħor tal-Komunità Ewropea huwa obbligat li jikkonsenja dan il-materjal lil ċentru ta' produzzjoni jew lil ĊIA awtorizzat tal-għażla tiegħu (Artikolu 10 tad-Digriet tas-17 ta'

16 — JORF tat-30 ta' April 1969, p. 4349.
17 — JORF tad-19 ta' Novembru 1969, p. 11256.
18 — JORF tal-31 ta' Jannar 1989, p. 1469.
19 — JORF tas-6 ta' Diċembru 1991, p. 15936.
20 — JORF tal-1 ta' Ġunju 1997, p. 8791.
21 — JORF tas-27 ta' Jannar 2001, p. 1477.

April 1969, kif emendat). Is-semen għandu jinżamm f'depożitu mqiegħed taħt ir-responsabbiltà ta' kap ta' ċentru li għandu liċenzja; fir-rigward taċ-ĊIA, dan jista' jkun depożitu "prinċipali" jew wieħed mid-depożiti "annessi" mqassmin fit-territorju assenjat liċ-ĊIA, li jistgħu jkunu anki ġewwa impriża agrikola (Artikolu 7 tad-Digriet tas-17 ta' April 1969, kif emendat). Madankollu, huwa obbligatorju għal raġunijiet ta' saħħa li s-semen li ġej minn ĊIA ieħor awtorizzat jew minn Stat Membru differenti jew importat direttament minn pajjiż terz jgħaddi mid-depożitu prinċipali taċ-ĊIA: il-materjal huwa kkonsenjat, għall-finijiet ta' ħażna, liċ-ĊIA, li jgħaddih lid-depożitu anness destinatarju (Artikolu 6 tad-Digriet tas-27 ta' Diċembru 2000).

10. L-operazzjoni ta' inseminazzjoni tista' ssir biss mid-detenturi ta' liċenzja ta' kap ta' ĊIA jew ta' inseminatur, taħt l-awtorità ta' ĊIA awtorizzat u kompetenti territorjalment, u taħt ir-responsabbiltà teknika tal-kap taċ-ĊIA (Artikoli L.653-4 u R*653-102 tal-Kodiċi Rurali, kif ukoll l-Artikolu 1 tad-digriet tal-21 ta' Novembru 1991, kif emendat) [22]. Il-liċenzja ta' inseminatur tingħata mill-prefett wara li jiġi ppreżentat ċertifikat li jikkonferma li l-persuna kkonċernata hija kkwalifikata għall-funzjoni ta' inseminatur għall-ispeċi kkonċernata u ta' ċertifikat mid-direttur taċ-ĊIA awtorizzat kompetenti għat-territorju li jikkonferma li l-applikant huwa taħt l-awtorità tiegħu għall-operazzjonijiet ta' inseminazzjoni. Għall-operaturi li m'għandhomx l-istatus ta' impjegati taċ-ĊIA, b'mod partikolari għall-veterinarji li jaħdmu għal rashom, din l-attestazzjoni tingħata wara l-konklużjoni ta' ftehim bejn il-president taċ-ĊIA u l-persuna kkonċernata, li għandu jippreċiża l-kundizzjonijiet tekniċi, amministrattivi u finanzjarji li bihom din tal-aħħar għandha tipprattika l-inseminazzjoni b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli (Artikolu 2 tal-Ordinanza tal-21 ta' Novembru 1991, kif emendata).

11. Id-dispożizzjonijiet adottati mill-awtoritajiet Franċiżi fl-2006 biddlu profondament, mill-1 ta' Jannar 2007, dan il-kuntest ġuridiku. B'mod partikolari, is-sistema ta' esklużività ġeografika favur iċ-ĊIA awtorizzati tneħħiet u ġiet issostitwita b'sistema li tippermetti, wara dikjarazzjoni lill-awtorità kompetenti, l-eżerċizzju tal-inseminazzjoni artifiċjali ta' annimali li jixtarru miżmumin għar-razza fi kwalunkwe parti tat-territorju Franċiż min-naħa ta' operaturi li għandhom rikonoxximent (*agrément*) sanitarju bħala ċentru ta' ġbir jew ċentru ta' ħażna ta' semen, jew min-naħa ta' persuni tekniċi ta' inseminazzjoni li għandhom ċertifikat li jikkwalifikahom sa biex jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' inseminazzjoni mogħti minn ċentru ta' evalwazzjoni approvat mill-Ministru tal-Agrikoltura. "Sa biex ikun hemm kontibuzzjoni għall-ippjanar tat-territorju u għall-preservazzjoni tad-diversità ġenetika", twaqqaf servizz universali ta' distribuzzjoni tas-semen u ta' inseminazzjoni, mogħti minn operaturi magħżula wara sejħa għal offerti u

22 — Għall-finijiet ta' din il-proċedura, jistgħu ma jiġux ikkunsidrati d-dispożizzjonijiet li jippermettu, taħt ċerti kundizzjonijiet, li dawk li jrabbu jipprattikaw huma stess l-inseminazzjoni fuq il-bhejjem mrobbija minnhom (f'dan il-każ mhijiex kwistjoni ta' servizz mogħti lil terzi) u dawk li jippermettu l-inseminazzjoni magħmula eċċezzjonalment u għal motivi ta' terapija minn veterinarji, anki jekk m'għandhomx liċenzja ta' inseminaturi, fuq annimali li jkunu taħt il-kura tagħhom (każ ta' deroga li, b'mod ċar, hija marġinali).

awtorizzati, għal żmien stabbilit, għal żona ġeografika waħda jew iżjed. Bit-tneħħija tal-esklużività ġeografika favur iċ-ĊIA awtorizzati spiċċa wkoll l-obbligu ta' kunsinna u ta' ħażna ta' semen fiċ-ĊIA kompetenti territorjalment.

### III — Il-proċeduri u t-talbiet tal-partijiet

12. Wara lment ippreżentat minn impriża li topera fis-settur tal-fekondazzjoni artifiċjali tal-annimali tal-ifrat, fit-3 ta' April 2003 il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Franċiża fejn allegat li dan l-Istat Membru kiser l-Artikoli 43 KE u 49 KE minħabba ostakoli għal-libertà tal-istabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-settur imsemmi, li jirriżultaw, minn naħa, mill-monopolju ġeografiku mogħti liċ-ĊIA awtorizzati għall-eżerċizzju tal-attivitajiet ta' distribuzzjoni tas-semen u ta' inseminazzjoni u, min-naħa l-oħra, mill-kundizzjonijiet restrittivi u diskrezzjonali ta' għoti tal-liċenzja ta' inseminatur.

13. B'ittra tat-8 ta' Lulju 2003, il-Gvern Franċiż ikkontesta l-mertu ta' dawn l-ilmenti. Huwa enfasizza li ma saret l-ebda diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità bejn iċ-ċittadini tal-Istati Membri fir-rigward tal-kisba ta' awtorizzazzjoni għall-ftuħ u għall-operat ta' ĊIA jew ta' liċenzja ta' kap ta' ĊIA jew ta' inseminatur; li l-esklużività ġeografika favur iċ-ĊIA ma kinitx tirrigwarda d-distribuzzjoni tas-semen, iżda l-inseminazzjoni biss; li din l-esklużività kienet iġġustifikata minn għanijiet ta' interess pubbliku — sanitarji, ta' titjib u preservazzjoni tal-wirt ġenetiku u l-ippjanar tat-territorju — u kienet tħares il-prinċipju tal-proporzjonalità; li s-sistema tal-liċenzji ta' inseminatur kienet iġġustifikata wkoll minn għanijiet ta' interess pubbliku — il-ħarsien tas-saħħa u tal-benessri tal-annimali, tas-saħħa tal-persuni li jwettqu l-inseminazzjoni, tal-wirt ġenetiku, kif ukoll it-traċċabbiltà tal-prodotti — u kienet tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

14. Fid-19 ta' Diċembru 2003 il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lir-Repubblika Franċiża fejn ikkonfermat, wara li ppreċiżathom, l-ilmenti li hija għamlet fl-ittra ta' intimazzjoni, u fejn enfasizzat, b'mod partikolari, li l-għan tat-titjib u tal-preservazzjoni tal-wirt ġenetiku tal-annimali tal-ifrat ma setax jiġi invokat biex jiġġustifika ostakoli għal-libertà tal-istabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fid-dawl tal-armonizzazzjoni kompleta tad-dispożizzjonijiet nazzjonali intiżi sa biex jiġi segwit dan l-għan li kien inkiseb minn xi direttivi Komunitarji u, fir-rigward tal-għanijiet oħra ta' interess pubbliku invokati mill-Istat Membru msemmi aktar'il fuq, li r-regolamenti nazzjonali kkontestati kienu jeċċedu dak li kien meħtieġ biex jiġu miksuba.

15. B'ittra tas-17 ta' Marzu 2004 ir-Repubblika Franċiża rrispondiet għall-opinjoni motivata billi kkontestat l-ilmenti kollha.

16. B'rikors promotur ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Ottubru 2005 l-Kummissjoni ressqet dan ir-rikors.

17. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiddikjara li, billi rriżervat l-eżerċizzju tal-attivitajiet marbutin mal-inseminazzjoni artifiċjali tal-annimali tal-ifrat biss liċ-ĊIA awtorizzati fi Franza, b'mod partikolari billi stabbiliet sistema ġenerali ta' esklużività ġeografika favur iċ-ĊIA u ssuġġettat l-eżerċizzju tal-inseminazzjoni artifiċjali għall-pussess ta' liċenzja ta' inseminatur, ir-Repubblika Franċiża naqset mill-obbligi imposti fuqha bis-saħħa tal-Artikoli 43 KE u 49 KE;

— tordna lir-Repubblika Franċiża tbati l-ispejjeż.

18. Ir-Repubblika Franċiża titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

## IV — Il-kuntest ġuridiku

19. Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 226 KE għandha tiġi evalwata b'riferiment għas-sitwazzjoni tal-Istat Membru kif kienet mal-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata u li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tieħu inkunsiderazzjoni t-tibdil suċċessiv [23]. Għalhekk, għall-finijiet ta' din il-kawża mhijiex rilevanti r-riforma tas-sistema leġiżlattiva dwar il-fekondazzjoni artifiċjali tal-annimali li jixtarru miżmumin għar-razza li saret fi Franza fl-2006 u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

### A — *Fuq l-eżistenza ta' ostakoli għall-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi*

#### 1. Argumenti tal-partijiet

##### a) Fuq il-libertà tal-istabbiliment

20. Il-Kummissjoni ssostni li l-għoti liċ-ĊIA awtorizzati biss, għal żmien illimitat, ta'

23 — Sentenzi tat-13 ta' Diċembru 1990, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-347/88, Ġabra p. I-4747, punt 40), u tat-13 ta' Settembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-260/04, Ġabra p. I-7083, punt 18, u l-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk).

drittijiet esklużivi ta' eżerċizzju f'żona ġeografika stabbilita tal-attivitajiet ta' distribuzzjoni tas-semen u tal-inseminazzjoni jimpedixxi fil-fatt jew jagħmel diffiċli ħafna l-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment fi Franza għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' dawn l-attivitajiet. Effett analogu rriżulta wkoll mill-fatt li l-liċenzja ta' inseminatur ma setgħetx tinkiseb minn veterinarji, għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-attività ta' inseminazzjoni bħala professjonisti għal rashom, jekk ma jkunux laħqu ftehim minn qabel mal-president ta' ĊIA, li, madankollu, il-kontenut tiegħu ma jkunx ġie miftiehem *ex ante*, iżda jkun tħalla għan-negozjati bejn il-partijiet, u dan kien jagħti lok għal prattika diskrezzjonali li kienet tiskoraġġixxi l-eżerċizzju ta' din l-attività fl-imsemmija kapaċità professjonali. Il-Kummissjoni żżid li l-obbligu ta' ħażna tas-semen f'ĊIA, fejn ma kienx iġġustfikat fuq il-livell sanitarju miċ-ċirkustanzi li fihom ikun ngħata s-servizz, kien jikkostitwixxi ostakolu supplementari għall-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment fis-settur tad-distribuzzjoni tas-semen.

21. Il-Kummissjoni tfakkar li, skont il-ġurisprudenza, il-fatt li dispożizzjoni nazzjonali tapplika mingħajr diskriminazzjoni abbażi taċ-ċittadinanza ma jeskludix li din id-dispożizzjoni tista', peress li hija għandha mnejn tostakola jew tiskoraġġixxi l-eżerċizzju, miċ-ċittadini Komunitarji, tal-libertà tal-istabbiliment, tikser l-Artikolu 43 KE [24].

24 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-31 ta' Marzu 1993, Kraus (C-19/92, Ġabra p. I-1663, punt 32), kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Lulju 1999, Vlaamse Televisie Maatschappij vs Il-Kummissjoni (T-266/97, Ġabra p. II-2329, punt 113).

22. Il-Gvern Franċiż jikkontesta li l-esklużività ġeografika għal perijodu illimitat favur ĊIA awtorizzati hija tali li timpedixxi fil-fatt jew li trendi diffiċli ħafna l-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment mill-operaturi ta' Stati Membri oħrajn. Huwa jenfasizza, b'mod partikolari, li kienu jeżistu, fit-territorju Franċiż, żoni mingħajr ĊIA awtorizzat, li fihom operaturi ta' Stati Membri oħrajn setgħu jiftħu u joperaw ĊIA billi jitolbu l-awtorizzazzjoni meħtieġa, li l-għoti tagħha kien suġġett għall-istess kundizzjonijiet għal operaturi nazzjonali u għal operaturi ta' Stati Membri oħrajn.

23. Il-Gvern Franċiż isostni wkoll li l-obbligu, impost fuq inseminatur indipendenti, li jikkonkludi ftehim ma' ĊIA awtorizzat ma kienx jimpedixxi l-eżerċizzju tal-inseminazzjoni, bħala professjonist għal rasu, min-naħa tal-veterinarji. Huwa jisħaq li dan il-ftehim, waqt li ppreċiża l-kundizzjonijiet tekniċi, amministrattivi u finanzjarji li taħthom l-operatur indipendenti kellu jipprattika l-inseminazzjoni, kellu l-għan li jiżgura l-ħarsien tar-regolamenti applikabbli u informazzjoni korretta taċ-ĊIA fuq in-natura u fuq il-kontenut tas-servizzi mwettqa minn dan l-operatur. Għalhekk fil-prinċipju, kull operatur, nazzjonali jew minn Stati Membri oħrajn, li kellu kwalifika professjonali seta' jitlob u jikseb il-liċenzja ta' inseminatur u jikkompeti maċ-ĊIA awtorizzati.

24. Madankollu, il-Gvern Franċiż jirrikonoxxi li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet

toħloq ostakolu għal-libertà tal-istabbiliment. Iżda huwa jinsisti fuq il-fatt li din il-leġiżlazzjoni ma kinitx tiddiskrimina bejn operaturi nazzjonali u operaturi ta' Stati Membri oħrajn.

b) Fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi

25. Il-Kummissjoni ssostni li l-obbligu ta' ħażna tas-semen fiċ-ĊIA awtorizzati, li huma biss kellhom il-permess li jikkonsenjaw dan il-materjal lil dawk li jrabbu, kien restrizzjoni fuq l-għoti liberu ta' "servizz ta' distribuzzjoni" tal-istess materjal, li l-Kummissjoni tiddefinixxi bħala "ikkostitwit mill-kumpless ta' operazzjonijiet meħtieġa sa biex il-prodott jintbagħat u jinbiegħ, mill-manifattura tiegħu sa l-akkwist tiegħu mill-konsumatur finali". Il-Kummissjoni tirrispondi lill-Gvern Franċiż, li joġġezzjona li dan l-obbligu msemmi kien stabbilit fil-konfront tal-Istati Membri mid-Direttiva 88/407/KEE [25], li l-obbligu ta' ħażna tas-semen intiż għall-kummerċ intra-Komunitarju u impost għal raġunijiet sanitarji minn din id-direttiva, jirrigwarda biss is-semen iffriżat u l-fażi li tiġi qabel ma jintbagħat mill-post ta' produzzjoni, filwaqt li l-ilment magħmul mir-Repubblika Franċiża huwa bbażat fuq l-obbliġu ta' ħażna fil-fażi li tiġi wara li dan ikun intbagħat.

26. Barra minn hekk, il-provvista libera tas-servizz ta' inseminazzjoni kienet ostakolata mill-obbligu, għal dawk li riedu jeżerċitaw din l-attività, li jiffirmaw minn qabel, biex ikunu jistgħu jiksbu l-liċenzja meħtieġa ta' inseminatur, ftehim mal-president ta' ĊIA awtorizzat. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-konklużjoni ta' ftehim bħal dan kienet fil-fatt imħollija fid-diskrezzjoni tal-presidenti taċ-ĊIA, u għall-volontà tagħhom, li madankollu, kienu jirrifjutaw li jagħmlu hekk ma' inseminaturi indipendenti, jiġifieri li ma kinux impjegati taċ-ĊIA ikkonċernat. Jekk huwa legali, fil-fehma tal-Kummissjoni, li l-għoti ta' liċenzja ta' inseminatur jiġi ssuġġettat għal verifika minn qabel, mill-awtoritajiet veterinarji, tal-kompetenzi tal-applikant, mhuwiex legali li dan l-għoti jiġi ssuġġettat ukoll għall-konklużjoni ta' ftehim ma' ĊIA, kundizzjoni li ma għandha x'taqsam xejn mal-verifika tal-kompetenzi tal-applikant u li fil-fatt tirriżulta li hija diskrezzjonali u arbitrarja. Din il-kundizzjoni kienet intiża sa biex tikkonsolida l-monopolju fil-provvista tas-servizzi ta' inseminazzjoni li tirriżulta mill-esklużività ġeografika favur iċ-ĊIA awtorizzati.

27. Ostakolu ieħor għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi jirriżulta mill-impossibbiltà għal dawk li jipprovdu s-servizzi li huma stabbiliti fi Stati Membri oħrajn li joffru flimkien kemm is-servizzi ta' distribuzzjoni tas-semen u tal-inseminazzjoni minħabba l-obbligu li s-semen jiġi ddepożitat f'ĊIA awtorizzati, li huma l-uniċi li kellhom l-awtorità li jikkonsenjawh lil dawk li jrabbu.

28. Il-Gvern Franċiż jammetti li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni kienet

25 — Direttiva tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1988 li tistabilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju u għal importazzjonijiet ta' deep frozen semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-annimali tal-ifrat (ĠU L 194, p. 10).

tinvolvi ostakoli għal-libertà li jiġi pprovdut s-servizz ta' inseminazzjoni, iżda jikkontesta li hija wasslet ukoll għal ostakoli għal-libertà li jiġi pprovdut s-servizz ta' distribuzzjoni ta' semen. F'dan ir-rigward huwa jenfasizza li din il-leġiżlazzjoni kienet tippermetti lil dawk li jrabbu li jagħżlu direttament il-fornitur tas-semen u li jiksbu miċ-ĊIA kompetenti territorjalment li jagħmel l-inseminazzjoni bis-semen offrut minn dan il-fornitur.

2. Il-kunsiderazzjonijiet

29. L-ilmenti magħmulin mill-Kummissjoni kontra l-Istat Membru konvenut huma bbażati fuq tliet aspetti tal-leġiżlazzjoni Franċiża dwar il-fekondazzjoni artifiċjali tal-annimali tal-ifrat fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2006: l-esklużività ġeografika mogħtija liċ-ĊIA fis-settur tal-fekondazzjoni artifiċjali tal-annimali tal-ifrat; il-kundizzjonijiet tal-għoti tal-liċenzja ta' inseminatur u iktar preċiżament ir-rekwiżit, għall-inseminaturi indipendenti, tal-konklużjoni minn qabel ta' ftehim ma' ĊIA awtorizzat [26]; l-obbligu tal-kunsinna u ħażna tas-semen f'ĊIA awtorizzat wara li jintbagħat miċ-ċentru ta' produzzjoni.

26 — Mill-kontenut tad-difiża bil-miktub u tal-osservazzjonijiet orali tal-Kummissjoni huwa mifhum li, bil-kontra ta' dak li jidher li jirriżulta mill-konklużjonijiet ippreċiżati fir-replika, mhuwiex ir-rekwiżit ta' liċenzja ta' inseminatur minnu nnifisu li huwa oġġett ta' kritika.

30. Wieħed jew ieħor minn dawn l-aspetti jirriżultaw, skont il-Kummissjoni, f'restrizzjonijiet fuq il-libertajiet tal-istabbiliment u li jiġu pprovduti servizzi b'riferiment kemm għas-servizz ta' distribuzzjoni tas-semen kif ukoll għas-servizz ta' inseminazzjoni.

a) Ilmenti dwar is-servizz ta' distribuzzjoni tas-semen

31. Ser nibda billi nosserva d-diffikultà serja sa biex tiġi evalwata l-eżistenza ta' restrizzjonijiet, minħabba l-aspetti msemmijin iktar 'il fuq, fuq il-libertà tal-istabbiliment u fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi b'riferiment għal dak li l-Kummissjoni tiddefinixxi fir-risposta tagħha "servizz ta' distribuzzjoni" tas-semen. Din id-diffikultà tirriżulta mill-fatt li l-Kummissjoni stess ma rnexxilhiex, fil-fehma tiegħi, tindika f'termini ċari u preċiżi biżżejjed fiex jikkonsisti dan is-servizz. Fl-opinjoni motivata u fir-rikors promotur, hija tippreċiża li b'"servizz ta' distribuzzjoni" hija tifhem "il-kumpless tal-operazzjonijiet meħtieġa sa biex il-prodott jintbagħat u jinbiegħ, mill-manifattura tiegħu sa l-akkwist tiegħu mill-konsumatur finali". Din id-definizzjoni, li hija wisq vaga, ma tidhirx li ġiet iċċarata bl-ispjegazzjonijiet fit-tul li jinsabu fir-risposta bil-miktub li tat l-istituzzjoni wara domanda magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward, li fiha hija tagħmel distinzjoni bejn il-kunċett "tekniku" u l-kunċett "ekonomiku" tas-servizz ta' distribuzzjoni, kultant imsemmi anki fil-plural, tirreferi għall-konċett wiesa' ħafna ta' distribuzzjoni inkwantu "attività kummerċjali li tista' tiġi eżerċitata minn produttur, intermedjarju, grossista, bejjiegħ bl-imnut, jew kooperattiva", u tikkunsidra b'mod iktar

speċifiku "l-possibbiltà għal kwalunkwe operatur li għandu kompetenza professjonali xierqa li jipproponi s-servizzi tiegħu lil dawk li jrabbu li huma stabbiliti fi Franza", "billi immaġinat", f'dan ir-rigward, sensiela ta' attivitajiet possibbli li madankollu mhuwiex ċert li jiġu verament offruti f'żoni ġeografiċi differenti mill-Istat Membru msemmi iktar 'il fuq, filwaqt li osservat li "l-istess idea ta' servizz kummerċjali ta' distribuzzjoni hija min-natura tagħha multiformi u immaterjali".

32. In-nuqqas ta' definizzjoni, fi kliem biżżejjed ċar u preċiż, tas-servizz, differenti minn dak ta' inseminazzjoni, li l-provvista tiegħu fi Franza minn operaturi ta' Stati Membri oħrajn ġiet ostakolata jew skoraġġuta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fuq il-fekondazzjoni artifiċjali tal-annimali tal-ifrat jipprekludi, fil-fehma tiegħi, l-aċċertament, fuq dan il-punt, ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mill-Istat konvenut.

33. F'dan ir-rigward infakkar li, skont il-ġurisprudenza, kemm fl-opinjoni motivata kif ukoll, bħala konsegwenza, fir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, li ma jistax jiġi bbażat fuq motivi u raġunijiet differenti minn dawk indikati f'din l-opinjoni, l-ilmenti għandhom jiġu ppreżentati b'mod koerenti u preċiż biex jippermettu lill-Istat Membru u lill-Qorti tal-Ġustizzja li jkunu jafu eżattament il-portata tal-ksur tad-dritt Komunitarju kkontestat li hija kundizzjoni meħtieġa biex l-Istat imsemmi ikun jista' jsostni b'mod utli l-motivi tiegħu ta' difiża u biex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tivverifika l-eżistenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat [27].

34. Min-naħa l-oħra, mill-Artikolu 38(1) (ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u mill-ġurisprudenza relatata miegħu, jirriżulta li r-rikors għandu jindika s-suġġett tal-kawża u sunt tal-motivi mressqa u li din l-indikazzjoni għandha tkun ċara u preċiża biżżejjed biex tippermetti lill-parti konvenuta u lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ tagħha. Dan ifisser li l-elementi essenzjali ta' fatt u ta' dritt li fuqhom huwa bbażat rikors għandhom jirriżultaw b'mod koerenti u li jiftiehem mit-test tar-rikors innifsu [28].

35. Għalhekk inqis li, billi mhumiex sodisfatti r-rekwiżiti ta' ċarezza u preċiżjoni, l-ilmenti magħmula mill-Kummissjoni dwar l-allegati restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-istabbiliment u fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward tas-servizz (jew tas-servizzi) ta' distribuzzjoni tas-semen, għandhom jiġu miċħudin bħala inammissibbli.

36. Konsegwentement, f'dawn il-konklużjonijiet ser inħalli barra, b'mod partikolari, l-eżami tal-kwistjonijiet dwar l-obbligu ta' kunsinna u ta' ħażna tas-semen f'ĊIA awtorizzat wara li jintbagħat miċ-ċentru ta' produzzjoni [29]. Barra minn hekk, inżid ukoll li dan l-ilment dwar dan l-obbligu huwa fformulat f'termini konfużi

27 — Sentenza tal-4 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-98/04, Ġabra p. I-4003, punt 18).

28 — Ara b'riferiment għal rikors ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2004, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-55/03, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 23).

29 — Infakkar inċidentalment li, fis-sentenza Centre d'insémination de la Crespelle, iċċitata (punti 28 sa 40), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha okkażjoni teżamina fid-dawl tal-Artikoli 30 u 36 tat-Trattat KE (li saru, wara emendi, l-Artikoli 28 KE u 30 KE), l-obbligu impost mil-leġiżlazzjoni Franċiża fuq l-operaturi ekonomiċi li jimportaw materjal seminali minn Stati Membri oħrajn li jikkonsenjawh f'ċentru ta' inseminazzjoni jew ta' produzzjoni awtorizzat.

mill-Kummissjoni fir-rikors promotur u fir-replika, u għalhekk anki għal din ir-raġuni għandu jiġi kkunsidrat li ma ġewx sodisfatti l-kundizzjonijiet ta' ammissibiltà msemmija fil-punti 33 sa 34 iktar 'il fuq.

37. Minflok ser nikkonċentra fuq l-allegati restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-istabbiliment u fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward tas-servizz ta' inseminazzjoni, fil-każijiet li jirriżultaw mill-esklużività ġeografika mogħtija liċ-ĊIA awtorizzati għall-provvista ta' dan is-servizz u mill-obbligu li jiġi konkluż ftehim ma' ĊIA awtorizzat sa biex tinkiseb liċenzja ta' inseminatur (iktar 'il quddiem is-"sistema nazzjonali kkontestata").

b) Ilmenti dwar is-servizz ta' inseminazzjoni

i) Il-kunsiderazzjonijiet preliminari

38. Iż-żewġ elementi tas-sistema legali nazzjonali kkontestata msemmijin fil-punt ta' qabel jidhirli li jikkostitwixxu ż-żewġ uċuħ tal-istess midalja.

39. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni li tosserva fis-sentenza Centre d'insémination de la Crespelle [30], "peress li tissuġġetta l-operat taċ-[ĊIA] għal awtorizzazzjonijiet u peress li tipprovdi li kull ċentru jservi żona partikolari b'mod esklużiv, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tathom drittijiet esklużivi", "u b'hekk stabbiliet favur dawn l-impriżi serje ta' monopolji kontigwi li huma territorjalment limitati, iżda li flimkien ikopru t-territorju kollu ta' Stat Membru".

40. Il-possibbiltà, stabbilita mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, li atti ta' inseminazzjoni kienu twettqu minn persuni li kellhom liċenzja ta' inseminatur li ma kinux impjegati ta' ĊIA awtorizzat tista' tidher, mal-ewwel daqqa ta' għajn, li hija f'kontradizzjoni mal-esklużività ġeografika mogħtija liċ-ĊIA għal dak li jirrigwarda l-inseminazzjoni. Fil-verità, din il-kontradizzjoni hija biss apparenti, billi mil-leġiżlazzjoni nfisha jirriżulta li l-inseminazzjoni magħmula mill-persuni msemmijin iktar 'il fuq kellha, f'kull każ, isseħħ taħt l-awtorità taċ-ĊIA awtorizzat kompetenti fit-territorju u taħt ir-responsabbiltà teknika tal-kap ta' dan iċ-ĊIA, u peress li l-metodi tekniċi u dawk finanzjarji, minbarra dawk amministrattivi, ta' din l-inseminazzjoni ma setgħux jiġu stabbiliti b'mod awtonomu mill-operatur, iżda kellhom ikunu s-suġġett ta' ftehim mal-president taċ-ĊIA. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher diffiċli li wieħed jaħseb li l-provvista tas-servizz ta' inseminazzjoni tista' ssir minn opera-

30 — Iċċitata, punt 17.

turi differenti miċ-ĊIA f'forma verament indipendenti, u dan, madankollu, kien ikun inkompatibbli mal-esklużività msemmija iktar 'il fuq. Minflok, iktar jidher li dawn l-operaturi, mhux biss ma pprovdewx dan is-servizz f'kompetizzjoni maċ-ĊIA u abbażi ta' relazzjoni professjonali stabbilita ma' klijent li jrabbi, iżda setgħu, meta jkollhom liċenzja adattata, iwettqu l-inseminazzjoni inkwantu kollaboraturi, minkejja li indipendenti, taċ-ĊIA stess [31].

41. Għalhekk, l-obbligu li jiġi ffirmat ftehim maċ-ĊIA bħala rekwiżit għall-kisba ta' liċenzja ta' inseminatur, minflok li jsaħħaħ, kif tiddikjara l-Kummissjoni, l-esklużività ġeografika mogħtija liċ-ĊIA, kien jikkostitwixxi, fil-fehma, parti inerenti mill-qafas ta' sistema li, filwaqt li rriżervat is-servizz ta' inseminazzjoni għaċ-ĊIA awtorizzati, riedet madankollu tippermetti li l-att tal-inseminazzjoni jkun jista' jitwettaq, fl-ambitu ta', u mhux barra minn, din ir-riżerva, anki minn persuni kkwalifikati li, però, ma kinux neċessarjament membri tal-persunal ta' ĊIA.

42. Barra minn dan, il-Gvern Franċiż, finnota tiegħu ta' osservazzjonijiet, jindika biċ-ċar li l-Artikolu L.653-7 tal-Kodiċi Rurali ta liċ-ĊIA "dritt esklużiv", li huwa stess jiddefinixxi bħala "monopolju ġeografiku" fuq l-attività ta' inseminazzjoni, wara li ddikjara, fir-risposta tiegħu għall-opinjoni motivata tal-Kummissjoni, li l-obbligu għall-inseminatur li jikkonkludi ftehim maċ-ĊIA awtorizzat kien il-"konsegwenza diretta tal-esklużività legali ta' żona" mogħtija lil dan tal-aħħar.

43. Għalhekk jiena tal-fehma li dawn iż-żewġ aspetti għandhom jiġu kkunsidrati flimkien, u dan kemm għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif ukoll għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-motivi invokati mill-Gvern Franċiż bħala ġustifikazzjoni ta' dawn l-eventwali restrizjonijiet.

44. Kif huwa magħruf, id-dritt Komunitarju ma jipprojbixxix, b'mod ġenerali, lill-Istati Membri milli jissuġġettaw attività ekonomika partikolari għal sistema ta' monopolju. Dan huwa kkonfermat partikolarment mill-Artikolu 31 KE, li l-ewwel paragrafu tiegħu jistabbilixxi sempliċiment l-adattament tal-monopolji nazzjonali ta' natura kummerċjali, u mill-Artikolu 86 KE, li l-ewwel paragrafu tiegħu, peress li jipprojbixxi b'mod ġenerali lill-Istati Membri milli jistabbilixxu jew iżommu fis-seħħ, fil-konfront tal-impriżi pubbliċi u tal-impriżi li huma mogħtija drittijiet speċjali jew esklużivi minnhom, miżuri kuntrarji għar-regoli tat-Trattat KE, jimplika neċessarjament li l-Istati Membri

31 — Wieħed jinnota li skont l-Artikolu 4 tad-Digriet tal-Ministru tal-Agrikoltura, tal-Ikel, tas-Sajd u tal-Affarijiet Rurali tal-20 ta' Frar 2003, rigward il-kundizzjonijiet tal-ħlas għall-inseminazzjoni magħmula fuq annimali tal-ifrat, miċ-ċentri ta' inseminazzjoni artifiċjali awtorizzati (JORF tat-23 ta' Frar 2003, p. 3290), l-operazzjoni ta' inseminazzjoni kienet iffatturata lil dawk li jrabbu miċ-ĊIA, indipendentement mill-istatus, ta' ħaddiem impjegat jew għal rasu, tal-aġent li kien jagħmilha.

jistgħu jagħtu lil impriżi partikolari drittijiet esklużivi u jagħtuhom monopolju [32].

45. Iżda kif iċċarat il-Qorti tal-Ġustizzja, dan ma jfissirx li d-drittijiet kollha speċjali u esklużivi huma necessarjament kompatibbli mat-Trattat KE [33].

46. Proprju b'riferiment għall-monopolji ta' servizzi bħal dawk li hija stabbiliet li jirriżultaw mill-esklużività ġeografika mogħtija liċ-ĊIA awtorizzati mis-sistema legali nazzjonali kkontestata, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, għalkemm ma jaqgħux taħt l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, li jirrigwarda l-kummerċ tal-merkanzija, dawn imorru kontra l-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija msemmi fl-Artikolu 30 tat-Trattat KE fejn huma jkollhom influwenza indiretta fuq dan il-kummerċ billi jiddiskriminaw kontra l-prodotti importati għall-benefiċċju ta' dawk ta' oriġini nazzjonali [34]. B'mod partikolari, fis-sentenza Société coopérative d'amélioration de l'élevage et d'insémination artificielle du Béarn, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li ċ-ċirkustanzi indikati mill-qorti tar-rinviju u dawk li rriżultaw matul il-kawża quddiemha ma kinux biżżejjed biex jiġi deċiż li leġiżlazzjoni bħal dik li fi Franza kienet tirregola l-fekondazzjoni artifiċjali tal-annimali tal-ifrat, li kienet tagħti monopolju territorjali favur iċ-ĊIA, kienet tistabbilixxi f'forma indiretta monopolju tali li jostakola l-moviment liberu tal-oġġetti, billi kull persuna privata li trabbi kienet ħieles li titlob liċ-ĊIA li kienet jiddependi minnu li jipprovdilha semen li ġej minn ċentru ta' produzzjoni tal-għażla tagħha, fi Franza jew minn barra [35].

47. Fis-sentenza Centre d'insémination de la Crespelle, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li s-sempliċi fatt li tinħoloq pożizzjoni dominanti permezz tal-għoti ta' dritt esklużiv fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 tat-Trattat KE, mhuwiex minnu nnifsu inkompatibbli mal-Artikolu 86 tal-istess Trattat u li Stat Membru jikser il-projbizzjonijiet li jinsabu f'dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet biss meta l-impriża kkonċernata tiġi mwassla, bis-sempliċi eżerċizzju tad-drittijiet esklużivi li jingħatawlha, li tabbuża mill-pożizzjoni dominanti tagħha. F'dan il-każ, meta tiġi eżaminata l-leġiżlazzjoni Franċiża li stabbiliet iċ-ĊIA awtorizzati li joperaw esklużivament f'żona partikolari u li kienet tagħhtihom il-fakultà li jiffatturaw l-ispejjeż supplimentari għall-provvista ta' semen li ġej minn ċentri ta' produzzjoni magħżulin minn dawk li jrabbu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li din il-leġiżlazzjoni, għalkemm kienet tippermetti liċ-ĊIA li jiffatturaw dawn l-ispejjeż, ma kinitx twassalhom sa biex jeżiġu spejjeż sproporzjonati u b'dan il-mod jabbużaw mill-pożizzjoni dominanti tagħhom [36].

32 — Sentenza tat-23 ta' Ottubru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza (C-159/94, Ġabra p. I-5815, punt 44).

33 — Sentenzi tad-19 ta' Marzu 1991, Franza vs Il-Kummissjoni (C-202/88, Ġabra p. I-1223, punt 22), u tal-25 ta' Lulju 1991, Il-Kummissjoni vs L-Olanda (C-353/89, Ġabra p. I-4069, punt 34).

34 — Sentenza Société coopérative d'amélioration de l'élevage et d'insémination artificielle du Béarn, iċċitata iktar 'il fuq (punti 8 sa 10), u Gervais *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punti 35 u 36).

35 — Sentenza Société coopérative d'amélioration de l'élevage et d'insémination artificielle du Béarn, iċċitata iktar 'il fuq, punti 11 u 12, li hemm riferiment għalihom anki fis-sentenza Gervais *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 37), fejn madankollu l-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-kwistjoni dwar jekk l-operat ta' ċentri awtorizzati jfissirx fil-prattika diskriminazzjoni fil-konfront tas-semen importat kontra l-Artikolu 30 tat-Trattat KE tippresupponi evalwazzjoni tal-fatti rilevanti li taqa' taħt il-kompetenza tal-qorti tar-rinviju (fil-fatt din kienet, bħal fil-kawża Société coopérative d'amélioration de l'élevage et d'insémination artificielle du Béarn, domanda preliminari u mhux, bħal f'dan il-każ, kawża għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu minn Stat).

36 — Sentenza Centre d'insémination de la Crespelle, iċċitata iktar 'il fuq (punt 13, 18 u 21).

48. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiddeċiedi, din id-darba direttament (billi din mhijiex talba għal deċiżjoni preliminari, iżda rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu), fuq il-kompatibbiltà tas-sistema legali nazzjonali kkontestata, li stabbiliet numru ta' monopolji territorjali ta' servizzi, ma' dispożizzjonijiet *oħrajn* tat-Trattat KE, jiġifieri dawk li jiggarantixxu l-libertà talistabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fi ħdan il-Komunità (Artikoli 43 KE u 49 KE). Għaldaqstant, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, ma kellhiex l-okkażjoni li tosserva elementi ta' inkompatibbiltà tas-sistema msemmija mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE msemmijin fis-sentenzi msemmija bl-ebda mod ma jimplika li jekk eventwalment jintlaqa' r-rikors tal-Kummissjoni f'din il-kawża dan imur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

49. M'hemmx dubju li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-possibbiltà li tistħarreġ, abbażi tal-Artikoli 43 KE u 49 KE, il-legalità Komunitarja tal-għoti minn Stat Membru ta' drittijiet esklużivi għall-eżerċizzju ta' attivitajiet ekonomiċi.

50. Fis-sentenza ERT [37] il-Qorti tal-Ġustizzja mhux biss irrikonoxxiet li monopolju ta' provvista ta' servizzi, bħall-monopolju fissettur televiżiv fil-Greċja, eżaminat f'din is-sentenza, *minħabba l-mod kif huwa organizzat jew eżerċitat,* jista' jikser, b'mod partikolari, ir-regoli tat-Trattat KE dwar il-moviment liberu tas-servizzi, iżda ddikjarat ukoll, b'riferiment għall-preċedent ikkostitwit mis-sentenza Sacchi [38], li "d-dritt Komunitarju ma jipprekludix *l-għoti* ta' monopolju tat-televiżjoni *għal kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku, ta' natura mhux ekonomika*". Ir-rekwiżit, skont ir-regoli tat-Trattat KE fuq il-provvista libera tasservizzi, ta' ġustifikazzjonijiet validi għallistabbiliment ta' monopolju ta' provvista ta' servizzi minn Stat Membru, jirriżulta iktar biċ-ċar mis-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Olanda [39], mogħtija xahar wara s-sentenza ERT, fil-parti fejn jingħad li "l-istabbiliment jekk Stat Membru jistax ineħħi ċertu għoti ta' servizzi mill-kompetizzjoni ħielsa huwa ekwivalenti għad-determinazzjoni jekk ir-restrizzjonijiet fuq il-provvista libera ta' servizzi, imposti b'dan il-mod, humiex iġġustifikati [minn] eżiġenzi [imperattivi] ta' interess pubbliku".

51. Huwa b'dan il-mod li fis-sentenza Läärä *et* [40], il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tosserva li leġislazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lil kulħadd l-operat ta' makni awtomatiċi għal-logħob tal-ażżard ħlief għall-korp pubbliku awtorizzat, li ma tinvolvi l-ebda diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità u li tolqot mingħajr distinzjoni l-operaturi li jistgħu jkunu interessati li jeżerċitaw din l-attività, kemm jekk huma stabbiliti fl-Istat ikkonċernat jew fi Stat Membru ieħor, tikkostitwixxi ostakolu li jiġu pprovduti servizzi liberament fis-sens tal-Artikolu 59 tat-Trattat KE billi timpedixxi, direttament jew indirettament, lill-operaturi tal-Istati Membri l-oħrajn milli huma stess iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-makni inkwistjoni, u għalhekk, biex tkun kompatibbli mat-Trattat KE, fejn ma taqax taħt wieħed mill-każijiet ta' deroga stabbiliti espressament minnu (restrizzjonijiet

37 — Sentenza tat-18 ta' Ġunju 1991, (C-260/89, Ġabra p. I-2925, punti 10 sa 12 u 20).

38 — Sentenza tat-30 ta' April 1974, (155/73 Ġabra p. 409, punt 14). Enfażi miżjuda.

39 — Iċċitata iktar 'il fuq, punt 35.

40 — Sentenza tal-21 ta' Settembru 1999, (C-124/97 Ġabra p. I-6067, punti 28 sa 30).

iġġustifikati permezz tal-parteċipazzjoni fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika jew minn raġunijiet ta' ordni pubbliku, tas-sigurtà pubblika jew tas-saħħa pubblika), hija għandha tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku.

52. Il-kunsiderazzjonijiet preċedenti diġà jindikaw il-konklużjonijiet li ser nasal għalihom fil-punti li ġejjin dwar l-eżistenza, fil-każ inkwistjoni, ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

ii) Libertà tal-istabbiliment

53. Skont il-ġurisprudenza, għandhom jiġu kkunsidrati bħala restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-istabbiliment, fis-sens tal-Artikolu 43 KE, il-miżuri kollha li jipprojbixxu, jostakolaw jew jiskoraġġixxu l-eżerċizzju ta' din il-libertà [41].

54. Il-Gvern Franċiż — filwaqt li qies, kuntrarjament għal dak li tassumi l-Kummissjoni, li l-esklużività ġeografika favur iċ-ĊIA u l-kundizzjoni tal-għoti ta' liċenzja ta' inseminatur ikkostitwita mill-konklużjoni ta' ftehim maċ-ĊIA kompetenti territorjalment ma kinux jikkostitwixxu impediment totali għall-aċċess ta' operaturi ta' Stati Membri oħrajn fl-attività ta' inseminazzjoni artifiċjali tal-annimali tal-ifrat — jirrikonoxxi li din l-esklużività u din il-kundizzjoni jinvolvu restrizzjoni fuq il-libertà tal-istabbiliment.

55. Naqbel kompletament ma' din il-kwalifikazzjoni.

56. Fis-sentenza Servizi Ausiliari Dottori Commercialisti [42] il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet tirriżerva esklużivament għal ċerti korpi li jissodisfaw kundizzjonijiet stretti d-dritt li jeżerċitaw ċerti attivitajiet ta' konsulenza u ta' assistenza fil-qasam fiskali kienet tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-libertà tal-istabbiliment għaliex setgħet, mill-inqas, trendi iktar diffiċli l-eżerċizzju min-naħa tal-operaturi ekonomiċi li ġejjin minn Stati Membri oħrajn tad-dritt tagħhom li jistabbilixxu ruħhom fl-Istat Membru kkonċernat biex jipprovdu s-servizzi inkwistjoni. Kif intwera mill-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer [43], dik il-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet tinvolvi tali restrizzjoni għaliex, fost affarijiet oħra, kienet tagħti lil dawk il-korpi d-dritt esklużiv li jeżerċitaw ċerti attivitajiet ta' konsulenza, billi ħolqot żewġ setturi, wieħed b'aċċess liberu, l-ieħor limitat għall-korpi msemmijin u pprojbit għall-operaturi l-oħrajn, nazzjonali jew ta' Stati Membri oħrajn, li kellhom il-kwalifiki professjonali rilevanti.

41 — Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2004, CaixaBank (C-442/02, Ġabra p. I-8961, punt 11, u l-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk).

42 — Sentenza tat-30 ta' Marzu 2006, (C-451/03, Ġabra p. I-2941, punt 34)

43 — Konklużjonijiet ippreżentati fit-28 ta' Ġunju 2005 fil-kawża li tat lok għas-sentenza Servizi Ausiliari Dottori Commercialisti, iċċitata iktar 'il fuq (punti 42 u 44).

57. *A fortiori* nqis li għandu jiġu konkluż li teżisti restrizzjoni fuq il-libertà tal-istabbiliment f'dan il-każ. L-esklużività ġeografika favur ĊIA awtorizzati kienet tillimita n-numru globali ta' operaturi permessi biex jifthu u jmexxu tali ċentri fit-territorju Franċiż billi kienet tillimitah għal wieħed biss fil-parti ta' dan it-territorju indikata fl-awtorizzazzjoni ministerjali. Il-perijodu indeterminat ta' din l-esklużività, li l-Gvern Franċiż ma ċaħadx, kien jaggrava l-ostakolu għall-aċċess ta' operaturi oħrajn, inklużi dawk ġejjin minn Stati Membri oħrajn, fis-suq tal-inseminazzjoni, billi tiġi msaħħa u protetta l-pożizzjoni tal-operaturi nazzjonali diġà attivi f'dan is-suq.

58. Il-possibbiltà li wieħed jistabbilixxi ruħu fi Franza għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-attività ta' inseminatur f'forma indipendenti kienet prekluża mill-esklużività mogħtija liċ-ĊIA awtorizzati fuq is-servizz ta' inseminazzjoni u tal-ħtieġa relatata għall-inseminaturi li mhumiex parti mill-persunal fl-istrutturi ta' ĊIA awtorizzat li jeżerċita l-attività tiegħu taħt id-direzzjoni u l-kontroll taċ-ĊIA kompetenti għat-territorju u taħt ir-responsabbiltà teknika tal-kap taċ-ĊIA, u għalhekk tal-impossibbiltà li jiġu ddefiniti b'mod awtonomu mal-klijent raħħal metodi u kundizzjonijiet ekonomiċi tas-servizz, li kellhom ikunu s-suġġett tal-ftehim maċ-ĊIA.

59. L-esklużività ġeografika inkwistjoni u l-obbligu relatat li jiġi stipulat ftehim maċ-ĊIA għall-finijiet li tinkiseb liċenzja ta' inseminazzjoni kienu għalhekk jikkostitwixxu, fil-fehma tiegħi, ostakolu serju għall-aċċess fis-suq tal-inseminazzjoni fi Franza u għalhekk restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment skont l-Artikolu 43 KE, mingħajr ma jiġi prekluż minħabba din il-kwalifikazzjoni l-fatt li dawn il-miżuri kienu japplikaw mingħajr distinzjoni għall-operaturi nazzjonali u għall-operaturi ta' Stati Membri oħrajn [44]. In-nuqqas ta' diskriminazzjoni magħmula mill-Istat Membru ta' provenjenza tal-operatur fil-fatt huwa rilevanti biss fis-sens li jippermetti li jiġu kkunsidrati, sa biex tiġi vvalutata l-kompatibbiltà mal-Artikolu 43 KE tas-sistema nazzjonali kkontestata, ir-raġunijiet ta' interess pubbliku anki differenti minn dawk elenkati fl-Artikolu 46 KE, il-paragrafu (1), bħala ġustifikazzjoni tar-restrizzjoni indikata.

ċ) Libertà li jiġu pprovduti servizzi

60. Skont ġurisprudenza kostanti, l-Artikolu 49 KE jeżiġi mhux biss l-eliminazzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni fil-konfront ta' min jagħti s-servizzi minħabba ċ-ċittadinanza tiegħu, iżda anki t-tneħħija ta' kwalunkwe restrizzjoni, anki meta din tapplika mingħajr distinzjoni għal dawk li huma ċittadini u għal dawk li huma ċittadini ta' Stati Membri oħrajn, meta din tkun tali li tipprojbixxi, tostakola jew tagħmel inqas attraenti l-attivitajiet ta' min jagħti s-servizz stabbilit fi Stat Membru ieħor fejn huwa jipprovdi legalment servizzi analogi [45].

44 — Sentenza Kraus, iċċitata iktar 'il fuq, punt 32.

45 — Sentenzi tal-25 ta' Lulju 1991, Säger (C-76/90, Ġabra p. I-4221, punt 12); tal-20 ta' Frar 2001, Analir *et* (C-205/99, Ġabra p. I-1271, punt 21); tad-9 ta' Novembru 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-433/04, Ġabra p. I-10653, punt 28), u tal-11 ta' Jannar 2007, ITC (C-208/05, Ġabra p. I-181, punt 55).

61. Mid-deskrizzjoni tas-sistema legali nazzjonali kkontestata li jiena tajt iktar 'il fuq jirriżulta li fornitur transkonfini ta' servizz li xtaq jipprattika l-inseminazzjoni fit-territorju Franċiż bis-saħħa tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi kien meħtieġ li jitlob u jikseb liċenzja ta' inseminatur fi Franza. Indipendentement mill-kundizzjonijiet tal-għoti ta' din il-liċenzja, għandu jiġi osservat li l-istess rekwiżit tal-liċenzja, minnu nnifsu, kien jikkostitwixxi, skont ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja[46], restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, għaliex seta' jostakola jew irendi inqas attraenti l-għoti ta' servizz ta' inseminazzjoni fi Franza minn operaturi stabbiliti u li diġà jaħdmu legalment fi Stati Membri oħrajn.

62. Effett dissważiv ieħor ġie prodott mir-rekwiżit li l-operazzjonijiet ta' inseminazzjoni jsiru taħt id-direzzjoni u l-kontroll taċ-ĊIA awtorizzat kompetenti għat-territorju u taħt ir-responsabbiltà teknika tal-kap ta' dan iċ-ĊIA, kif ukoll li jkun hemm qbil ma' dan l-istess ĊIA dwar il-metodi, anki finanzjarji, ta' dawn l-operazzjonijiet, b'tali mod li kien impossibbli li tiġi eżerċitata l-attività ta' inseminazzjoni b'mod indipendenti f'kompetizzjoni maċ-ĊIA.

63. L-esklużività ġeografika inkwistjoni u l-obbligu relatat li jiġi konkluż ftehim maċ-ĊIA biex tinkiseb liċenzja ta' inseminazzjoni kienu għalhekk, fil-fehma tiegħi, ostakolu serju għall-provvista libera tas-servizz ta' inseminazzjoni fi Franza, fis-sens tal-Artikolu 49 KE, mingħajr ma din il-kwalifikazzjoni tiġi prekluża minħabba l-fatt li dawn il-miżuri kienu applikabbli mingħajr distinzjoni għal operaturi nazzjonali u għal operaturi ta' Stati Membri oħrajn. In-nuqqas ta' diskriminazzjoni eżerċitata skont l-Istat Membru ta' oriġini tal-operatur huwa rilevanti biss safejn huwa jippermetti li jiġi kkunsidrati, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà mal-Artikolu 49 KE tas-sistema legali nazzjonali kkontestata, raġunijiet ta' interess ġenerali anki jekk differenti minn dawk elenkati fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 46 KE — applikabbli anki fil-qasam tal-provvista libera ta' servizzi bis-saħħa tar-referenza li hemm fl-Artikolu 55 KE — bħala ġustifikazzjoni għar-restrizzjoni li ġiet stabbilita.

B — *Fuq il-ġustifikazzjonijiet imressqa mill-Gvern Franċiż*

64. Minn ġurisprudenza kostanti jirriżulta li, meta miżuri li jistgħu jostakolaw jew jiskoraġġixxu l-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment jew il-libertà li jiġu pprovduti servizzi japplikaw mingħajr distinzjoni għall-persuni jew impriżi kollha li jeżerċitaw attività fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, huma jistgħu jiġu ġġustifikati jekk jikkorris-

46 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-4 ta' Diċembru 1986, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (205/84, Ġabra p. 3755, punt 28); Säger, iċċitata (punt 14); tad-9 ta' Awwissu 1994, Vander Elst (C-43/93, Ġabra p. I-3803, punt 15); tad-9 ta' Marzu 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-355/98, Ġabra p. I-1221, punt 35); u tat-18 ta' Lulju 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-134/05, Ġabra p. I-6251, punt 23).

pondu għal raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku, sakemm ikunu xierqa sa biex jiggarantixxu li jintlaħaq l-iskop segwit u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sa biex jintlaħaq [47] u dejjem jekk ma jkunx hemm miżuri Komunitarji ta' armonizzazzjoni li jipprovdu dispożizzjonijiet meħtieġa għall-garanzija tal-ħarsien ta' dawn l-interessi [48].

65. Il-proċess tal-kawża ma fihx elementi li juru applikazzjoni tal-miżuri restrittivi inkwistjoni b'mod diskriminatorju. Il-Kummissjoni ma kkontestatx it-teżi tal-Gvern Franċiż li dawn kienu jiġu applikati mingħajr distinzjoni fil-konfront għall-operaturi nazzjonali u għall-operaturi ta' Stati Membri oħrajn.

66. Għalhekk ngħaddi biex nivverifika jekk ir-raġunijiet invokati mill-Gvern Franċiż biex jiġġustifikaw is-sistema legali nazzjonali kkontestata jissodisfawx il-kriterji msemmijin fil-punt 64 iktar 'il fuq.

67. Fir-risposta tiegħu, dan il-Gvern invoka l-ħarsien tal-wirt ġenetiku tal-annimali tal-ifrat, l-eżiġenzi tal-ippjanar tat-territorju, kif ukoll il-ħarsien tas-saħħa pubblika.

1. Fuq il-ħarsien tal-wirt ġenetiku tal-annimali tal-ifrat

68. Il-Gvern Franċiż isostni li s-sistema legali nazzjonali kkontestata kienet intiża għall-valorizzazzjoni tal-wirt ġenetiku tal-annimali tal-ifrat u li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà rrikonoxxiet, fis-sentenza Nilsson *et* [49], li l-ħarsien ta' dan il-wirt jikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess pubbliku. Huwa jżid li, jekk id-Direttivi 77/504 u 87/328 armonizzaw il-kundizzjonijiet tal-moviment intra-Komunitarju tal-annimali tal-ifrat għat-tnissil ta' razza pura u tas-semen tagħhom, huma, min-naħa l-oħra, ma armonizzawx il-kundizzjonijiet dwar l-inseminazzjoni tannisa tal-ispeċi tal-annimali tal-ifrat.

69. Il-Gvern Franċiż, filwaqt li rrefera għall-implementazzjoni fit-territorju tiegħu ta' programmi ta' għażla għat-tnissil u ta' konservazzjoni ġenetika, jenfasizza li l-esklużività ġeografika mogħtija liċ-ĊIA awtorizzati u l-kundizzjonijiet ta' għoti tal-liċenzja ta' inseminatur kienu jikkostitwixxu l-uniku mezz sa biex tiġi ggarantita ġabra preċiża u kompleta tal-informazzjoni ġenetika fuq l-annimali tal-ifrat, li hija indispensabbli sa biex jintlaħaq it-titjib ġenetiku ta' din l-ispeċi. Fil-fatt dawn il-miżuri kienu jippermettu li tiġi ċentralizzata f'korp wieħed id-data kollha rigward it-tgħammir

47 — Ara s-sentenzi tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard (C-55/94, Ġabra p. I-4165, punt 37); tal-4 ta' Lulju 2000, Haim (C-424/97, Ġabra p. I-5123, punt 57); Analir *et* iċċitata iktar 'il fuq (punt 25); tal-15 ta' Jannar 2002, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-439/99, Ġabra p. I-305, punt 23), u Caixabank, iċċitata iktar 'il fuq (punt 17).

48 — Sentenzi tal-15 ta' Ġunju 2006, Il-Kummissjoni vs Franza (C-255/04, Ġabra p. I-5251, punt 43), u tal-14 ta' Diċembru 2006, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-257/05, Ġabra p. I-134, punt 23).

49 — Sentenza tad-19 ta' Novembru 1998 (C-162/97, Ġabra p. I-7477).

li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' inseminazzjoni mwettqa f'żona speċifika li tkun koperta bl-esklużività.

70. Il-Kummissjoni tirrispondi li l-għan tal-ħarsien tal-wirt ġenetiku tal-annimali tal-ifrat jidħol f'kuntest, dak tal-eżiġenzi ta' natura żooteknika u tar-razza, li, kif il-Qorti tal-Ġustizzja kienet irrikonoxxiet fis-sentenza Centre d'insémination de la Crespelle[50], kien is-suġġett ta' armonizzazzjoni kompleta fuq il-livell Komunitarju. Hija ssostni li, fir-realtà ma hemm l-ebda relazzjoni bejn dan il-għan u l-kundizzjonijiet tal-att tal-inseminazzjoni, li ma għandu l-ebda effett fuq il-kwalità u l-oriġini tas-semen u jinvolvi, mill-iktar, kunsiderazzjonijiet ta' natura sanitarja.

71. Ma jidhirlix li huwa rilevanti r-riferiment għall-armonizzazzjoni sħiħa li, skont is-sentenza msemmija iktar 'il fuq, twettqet fuq il-livell Komunitarju fir-rigward tal-eżiġenzi ta' natura żooteknika u tar-razza.

72. Fil-punt 33 tas-sentenza ċċitata iktar 'il fuq Centre d'insémination de la Crespelle, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, "fir-rigward tal-eżiġenzi ta' titjib ġenetiku tal-wirt żootekniku tal-annimali tal-ifrat", "li d-Direttiva 87/328, intiża biex tneħħi l-ostakoli żootekniċi għall-kummerċ intra-Komunitarju tas-semen tal-annimali tal-ifrat, timponi fuq l-Istati Membri, fl-Artikolu 2(1), li jneħħu l-ostakoli għad-dħul fit-territorju tagħhom ta' semen tal-annimali tal-ifrat importat minn Stati Membri oħrajn taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4" u li "l-Artikolu 2 tad-Direttiva 91/174[51] jipprovdi li l-marketing tal-isperma ta' annimali tar-razza ma jistax jiġi pprojbit, limitat jew ostakolat għal raġunijiet tar-razza". Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li "minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-eżiġenzi żootekniċi u tar-razza kienu s-suġġett ta' armonizzazzjoni kompleta fuq il-livell Komunitarju".

73. Minn dan ir-raġunament jidhirli li jista' jiġi dedott li l-armonizzazzjoni sħiħa kif ġiet stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja tirrigwarda l-miżuri nazzjonali intiżi sa biex jiġu sodisfatti eżiġenzi żootekniċi jew tar-razza permezz ta' *restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni, fuq il-kummerċ u fuq l-użu ta' semen tal-annimali tal-ifrat*[52]. Min-naħa l-oħra, kemm fis-sentenza Gervais *et*[53] kif ukoll fis-sentenza Nilsson *et*[54] il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li d-Direttivi 77/504 u 87/328 huma intiżi sa biex jarmonizzaw il-kundizzjonijiet ta' permess għar-riproduzzjoni tal-annimali tal-ifrat għat-tnissil ta' razza pura u tal-isperma tagħhom, bil-għan li jiġu eliminati l-ostakoli żootekniċi għall-moviment liberu tas-semen tal-annimali tal-ifrat. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, minn naħa, li "kull rekwiżit li għandu bħala għan jew bħala effett il-kontroll jew il-verifika tal-importazzjonijiet ta' sperma tal-annimali tal-ifrat minħabba kunsiderazzjonijiet żootekniċi jew tar-razza jista' jiġi impost biss jekk jikkonforma ma'

50 — Iċċitata iktar 'il fuq, punt 33.

51 — Direttiva tal-Kunsill 91/174/KEE, tal-25 ta' Marzu 1991, li tistabbilixxi l-ħtiġiet żootekniċi u tar-razza għall-marketing tal-annimali ta' razza pura u li temenda d-Direttivi 77/504/KEE u 90/425/KEE (ĠU L 85, p. 37).

52 — Barra minn dan, kif josserva l-Gvern Franċiż u kif tirrikonoxxi l-Kummissjoni nfisha, dan jikkonċerna biss is-semen estratt mill-annimali tal-ifrat tar-refgħa ta' *razza pura*, b'tali mod li l-armonizzazzjoni inkwistjoni ma tkoprix, f'kull każ, il-miżuri li għandhom x'jaqsmu mas-semen ta' annimali tal-ifrat ta' razza mħallta.

53 — Iċċitata iktar 'il fuq, punt 32.

54 — Iċċitata iktar 'il fuq, punt 29.

dawn id-direttivi"[55] u, min-naħa l-oħra, li "madankollu, dawn id-direttivi ma jirregolawx la l-kundizzjonijiet ta' inseminazzjoni, la t-taħriġ tal-inseminaturi u lanqas il-ħruġ ta' ċertifikati jew ta' liċenzji li jippermettu l-aċċess għall-funzjonijiet irregolati ta' inseminatur"[56].

74. Essenzjalment, dan il-każ jirrigwarda restrizzjonijiet fir-rigward ta' persuni li huma awtorizzati jwettqu l-att ta' inseminazzjoni — għalhekk fir-rigward tal-kundizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-inseminazzjoni bħala tali jew fir-rigward tal-aċċess għall-funzjonijiet ta' inseminatur —, indipendentement mis-semen użat, u l-Kummissjoni ma tallegax li dawn ir-restrizzjonijiet kienu ġew użati biex ikun hemm kontroll tal-kwalità ġenetika tal-annimali tat-tnissil b'mod mhux previst mid-direttivi Komunitarji[57].

75. Bħall-Gvern Franċiż, ma jidhirlix li l-armonizzazzjoni miksuba permezz tad-Direttivi 77/504, 87/328 u 91/174 timpedixxi lill-Istati Membri milli jinvokaw eżiġenzi żootekniċi jew tar-razza bħala ġustifikazzjoni ta' miżuri nazzjonali li, bħal dawk f'dan il-każ, jirregolaw is-servizz ta' inseminazzjoni tal-annimali tal-ifrat mingħajr ma jinvolvu restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni, fuq il-kummerċ jew fuq l-użu ta' semen tal-annimali tal-ifrat li ġej minn Stati Membri oħrajn.

76. Kwistjoni oħra hija jekk il-kundizzjonijiet dwar l-att ta' inseminazzjoni jistgħux fil-fatt ikollhom effett fuq iż-żamma u t-titjib tal-wirt ġenetiku tal-annimali tal-ifrat. F'dan ir-rigward, il-partijiet jinsabu f'pożizzjonijiet opposti; il-Kummissjoni hija favur soluzzjoni negattiva u l-Gvern Franċiż valur soluzzjoni pożittiva. Madankollu ma jidhirlix li huwa meħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi din il-kontroversja, li hija ta' natura pjuttost teknika.

77. Fil-fehma tiegħi huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, skont id-dikjarazzjonijiet tal-Gvern Franċiż, is-sistema legali nazzjonali kkontestata kienet intiża għall-ħarsien tal-wirt ġenetiku tal-annimali tal-ifrat *billi kienet tippermetti ċ-ċentralizzazzjoni tal-ġabra ta' informazzjoni fuq it-tgħammir magħmul fit-territorju permezz tal-inseminazzjoni artifiċjali*, li hija informazzjoni meħtieġa għall-implementazzjoni tal-programmi ta' għażla fuq dixxendenza u ta' konservazzjoni ġenetika.

78. Iżda ma narax kif din il-ġabra ċċentralizzata ta' informazzjoni ma setgħetx ssir permezz ta' miżuri inqas restrittivi mill-monopolju reġjonali fuq is-servizz ta' inseminazzjoni attribwit liċ-ĊIA awtorizzati. L-istabbiliment, fuq l-operaturi li jwettqu l-inseminazzjoni artifiċjali tal-annimali tal-ifrat, ta' obbligi ta' komunikazzjoni lil korp maħtur għal dan il-għan b'informazzjoni dwar it-tgħammir li jkun sar, naħseb li seta' jippermetti wkoll il-ġabra ċċentralizzata tal-istess informazzjoni, madankollu mingħajr ma joħloq ostakoli serji għal-libertà tal-istabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi li kienu jirriżultaw minn dan il-monopolju.

55 — Sentenza Nilsson *et* iċċitata iktar 'il fuq, punt 29.

56 — Sentenza Gervais *et* iċċitata iktar 'il fuq, punt 32.

57 — Fis-sentenza Nilsson *et,* iċċitata iktar 'il fuq (punt 30), il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fid-dawl tal-armonizzazzjoni miksuba permezz tad-Direttivi 77/504 u 87/328 "ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għall-attivitajiet ta' inseminazzjoni ma jistax jintuża biex ikun hemm kontroll tal-kwalità ġenetika tal-annimali tat-tnissil b'mod mhux previst mid-direttivi" infushom.

79. Għalhekk naqbel mal-Kummissjoni meta tgħid li, f'kull każ, is-sistema legali nazzjonali kkontestata kienet tmur lil hinn minn dak li kien meħtieġ sa biex jintlaħaq l-iskop ta' ħarsien tal-wirt ġenetiku tal-annimali tal-ifrat li kienet qed issegwi.

2. Fuq l-eżiġenzi ta' ppjanar tat-territorju

80. Il-Gvern Franċiż isostni li din is-sistema kellha wkoll bħala għan l-ippjanar tat-territorju u li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet, fis-sentenza TK-Heimdienst [58], li għan bħal dan jikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess pubbliku. Dan l-għan kien jeħtieġ li dawk li jrabbu jkunu jistgħu jużaw is-servizz ta' inseminazzjoni b'kundizzjonijiet uniformi fit-territorju Franċiż kollu.

81. Madankollu, minħabba li dan is-servizz ma tantx kien iħalli qligħ, fin-nuqqas ta' esklużività ġeografika għall-eżerċizzju tiegħu, dan is-servizz ma ġiex offrut fiż-żoni li jikkorrispondu għal madwar tliet kwarti ta' dan it-territorju u li huma kkaratterizzati mill-preżenza ta' numru limitat ta' postijiet tat-trobbija. Il-Gvern Franċiż jenfasizza li ż-żamma ta' postijiet għat-trobbija tal-bhejjem f'dawn iż-żoni li huma kkaratterizzati minn kundizzjonijiet klimatiċi u ġeografiċi mhux favorevoli għal kull tip ta' kultivazzjoni, ippermettiet iż-żamma ta' attività agrikola u l-produzzjoni ta' prodotti ta' kwalità b'valur miżjud għoli, bħall-ġobon tal-muntanja.

82. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed, fil-fehma tiegħi, li jiġi osservat, kif għamlet il-Kummissjoni, li dawn l-affermazzjonijiet tal-Gvern Franċiż ma huma sostnuti minn l-ebda informazzjoni jew data statistika li jippermettu li dawn jiġu evalwati. Għalhekk m'hemm l-ebda prova ddettaljata tal-ħtieġa tal-esklużività ġeografika favur iċ-ĊIA awtorizzati biex tiġi ggarantita l-offerta tas-servizz ta' inseminazzjoni fiż-żoni kollha tat-territorju Franċiż.

83. Għalhekk, mingħajr il-bżonn li jiġi eżaminat jekk l-eżiġenzi ta' ppjanar tat-territorju humiex, fit-teorija, xierqa biex jiġġustifikaw restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-istabbiliment u fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, ma jistax jitqies li ġie stabbilit li dawn l-eżiġenzi jeżistu f'dan il-każ u li kienu tali li kienu jeżiġu l-ħolqien ta' grupp ta' monopolji limitati territorjalment għall-għoti tas-servizz ta' inseminazzjoni.

84. Barra minn dan, kif tenfasizza l-Kummissjoni, il-ġustifikazzjoni inkwistjoni ma tistax, f'kull każ, tgħodd għal dawk iż-żoni tat-territorju Franċiż li ma kellhomx il-karatteristiċi li rrefera għalihom il-Gvern tal-Istat konvenut.

58 — Sentenza tat-13 ta' Jannar 2000 (C-254/98, Ġabra p. I-151, punt 34).

3. Fuq il-ħarsien tas-saħħa pubblika

85. Dan il-gvern jinvoka wkoll għanijiet ta' saħħa pubblika, li jikkonċernaw fl-istess waqt is-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-persuni.

86. Fl-ewwel lok, huwa jsostni li s-sistema li għandha x'taqsam mal-kwalifika professjonali tal-operaturi li jipprattikaw l-inseminazzjoni kienet tipprovdi għat-tħassib dwar il-ħarsien tas-saħħa tal-annimali, għaliex l-att ta' inseminazzjoni għandu josserva regoli sanitarji u ta' iġjene kemm fl-ittrattar tas-semen kif ukoll fil-kuntatt mal-annimal. Dan l-att jeżiġi padrunanza perfetta biex tiġi evitata ħsara lill-integrità fiżika tal-annimal li jkun l-oġġett tal-inseminazzjoni. Barra minn hekk, l-istess għażliet ta' tgħammir jistgħu, skont il-Gvern Franċiż, ikollhom effett fuq is-saħħa ta' dak l-annimal, li tista' tiġi kompromessa, partikolarment mil-lat tal-fertilità, minn taħlit mhux maħsub sew.

87. Fit-tieni lok, is-sistema tal-liċenzja ta' inseminatur, li tivverifika li huma xierqa għall-funzjoni ta' inseminatur, kienet meħtieġa biex tiggarantixxi wkoll is-saħħa tal-operatur li jipprattika l-inseminazzjoni, attività li tinvolvi riskji kemm minħabba l-kuntatt ma' annimal tqil kif ukoll minħabba l-użu ta' nitroġenu likwidu li huwa perikoluż ħafna peress li l-kuntatt ma' dan il-prodott jista' jikkawża ħruq gravi.

88. Fl-aħħar nett, l-għoti ta' liċenzja kellu l-għanijiet ta' ħarsien tas-saħħa tal-persuni anki mil-lat tas-sigurtà tal-ikel, billi kkontribwixxa sa biex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit tat-traċċabbiltà tal-prodotti rikonoxxuta mil-leġiżlatur Komunitarju bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 [59]. Il-Gvern Franċiż isostni li l-prinċipju ta' traċċabbiltà tal-prodotti japplika wkoll għas-semen li jikkostitwixxi prodott bijoloġiku ħaj li jinsab fil-bidu tal-proċess ta' produzzjoni tal-annimali tat-trobbija, u jenfasizza li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet tobbliga lill-inseminatur sa biex jikkontrolla l-identifikazzjoni tal-annimali nisa għall-inseminazzjoni [60] u biex iħejji bulettin ta' inseminazzjoni li jinkludi, fost l-oħrajn, informazzjoni fuq l-identità, tal-barri u tal-mara u n-numru tad-doża ta' semen użat [61]. Iċ-ĊIA kienu jiggarantixxu t-traċċabbiltà ta' dan il-materjal, billi kienu jipprovdu għall-kontroll tad-dokumenti, kontrolli fiżiċi u kontrolli tal-identità tas-semen, indipendentement mill-oriġini tiegħu.

89. Jidhirli li huwa manifest li, kif osservat il-Kummissjoni, il-kunsiderazzjonijiet imsemmija fil-punti 86 sa 87 iktar 'il fuq ma jistgħux jiġġustifikaw ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment jew il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi inkwistjoni. Fil-fatt, kif ir-rappreżentant tal-Kummissjoni kkonferma fis-seduta, f'din il-kawża ma huwa qed jiġi kkontestat, kontra dan l-Istat Membru, la l-eżiġenza ta' liċenzja

59 — Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002, li jista[b]bilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistab[b]ilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, p. 1).

60 — Il-Gvern Franċiż jirriferi għad-digriet tat-2 ta' Awwissu 1983 li jiddefinixxi l-attività speċifika tal-inseminaturi (JORF tal-10 ta' Awwissu 1983, p. 7442).

61 — Artikolu 15 tad-digriet tas-17 ta' April 1969, kif emendat.

ta' inseminatur u lanqas il-kundizzjoni tal-għoti ta' din il-liċenzja kkostitwita mill-preżentazzjoni ta' ċertifikat li jikkonferma li l-persuna kkonċernata hija kkwalifikata għall-funzjoni ta' inseminatur. Minflok, dak li huwa kkontestat huma l-esklużività ġeografika li ngħatat liċ-ĊIA awtorizzati u l-kundizzjoni tal-għoti tal-liċenzja msemmija iktar 'il fuq, jiġifieri l-konklużjoni ta' ftehim maċ-ĊIA awtorizzat. Il-Gvern Franċiż ma jispjegax għaliex, fin-nuqqas ta' dawn il-miżuri, u minkejja l-verifika dwar jekk persuna hijiex kwalifikata għall-funzjoni ta' inseminatur li hija stabbilita mil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-finijiet tal-għoti tal-liċenzja ta' inseminatur, is-saħħa tal-persuni u tal-annimali kienet tqiegħdet f'riskju.

90. Dwar l-eżiġenza tat-traċċabbiltà tal-prodotti, huwa biżżejjed li jiġi osservat li la l-obbligi imposti fuq l-inseminaturi, li għalihom jirreferi l-Gvern Franċiż u lanqas il-kontrolli fuq is-semen imwettqa miċ-ĊIA awtorizzati ma jippresupponu neċessarjament l-esklużività ġeografika favur dawn tal-aħħar fir-rigward tas-servizz ta' inseminazzjoni. Jidhirli li dawn l-obbligi u dawn il-kontrolli huma perfettament konċepibbli u eżegwibbli anki f'sistema li ma tistabbilixxix din l-esklużività.

91. Għalhekk jiena tal-fehma li r-raġunijiet invokati f'din il-kawża mill-Gvern Franċiż bħala ġustifikazzjoni għas-sistema nazzjonali kkontestata ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza li hija msemmija fil-punt 64 iktar 'il fuq u għalhekk ma jistgħux jiġġustifikaw ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi li kienu jirriżultaw minn din is-sistema fir-rigward tas-servizz ta' inseminazzjoni artifiċjali tal-annimali tal-ifrat. Għalhekk nikkunsidra li r-rikors tal-Kummissjoni għandu jintlaqa' fil-parti li tirrigwarda dawn ir-restrizzjonijiet.

## V — Fuq l-ispejjeż

92. Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, tal-Qorti tal-Ġustizzja il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Skont l-Artikolu 69(3), jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew iktar tat-talbiet tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

93. Jekk, kif qed nipproponi, ir-rikors jintlaqa' biss parzjalment, jiġifieri fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi b'referenza għas-servizz ta' inseminazzjoni artifiċjali tal-annimali tal-ifrat u mhux ukoll b'referenza għall-allegati restrizzjonijiet fuq l-istess libertajiet b'referenza għas-servizz ta' distribuzzjoni tas-semen tal-annimali tal-ifrat, jidhirli li huwa ekwu li l-ispejjeż jinqasmu bejn il-partijiet. B'mod iktar preċiż nissuġġerixxi li l-Istat konvenut għandu jbati żewġ terzi tal-ispejjeż kollha u l-Kummissjoni għandha tbati t-terz li jifdal.

## VI — Konklużjoni

94. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiddikjara li r-Repubblika Franċiża, billi tat liċ-ċentri ta' inseminazzjoni artifiċjali awtorizzati fit-territorju tagħha d-dritt esklużiv li jipprovdu s-servizz ta' inseminazzjoni artifiċjali tal-annimali tal-ifrat ġewwa ż-żona determinata mid-dispożizzjoni li tawtorizza l-ftuħ u l-eżerċizzju tiegħu, u billi ssuġġettat b'mod korrelattiv l-għoti tal-liċenzja ta' inseminatur għall-konklużjoni ta' ftehim bejn il-president ta' wieħed miċ-ċentri msemmija iktar 'il fuq u l-applikant għal-liċenzja, naqset mill-obbligi imposti fuqha bis-saħħa tal-Artikoli 43 KE u 49 KE;

— tiċħad il-bqija tar-rikors bħala inammissibbli;

— tikkundanna lir-Repubblika Franċiża għal żewġ terzi tal-ispejjeż totali u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għat-terz li jifdal.